Kunsill Lokali Fontana

Minuti laqgħa 14 tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tlieta, 29 ta' April, 2014 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'5.00 pm.

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Victor Cefai | Viċi-Sindku |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 13, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**
   - Laqgħa mal-Green MT kellha issir is-Sibt, 29 ta' Marzu, però din ġiet ikkanċellata mill-Green MT dakinhar filgħodu.
   - Il-Kunsill talab għal-permess biex jinżabru is-siġar tal-palm fil-Belvedere u fil-Playing field fi Triq ta' Mulejja. Dan il-permess ġie mgħoti lill-Kunsill din il-ġimgħa. Is-sindku se jieħu ħsieb li jixtri l-bexx apposta biex jingħata lill-palm wara li jinżabru.
   - Tnehdiet konsultazzjoni pubblika fuq il-qasam edukattiv li tagħlaq fil-14 ta' Mejju, 2014. Il-Kunsill hu mistieden li jagħti l-kummenti tiegħu.
   - Il-Kunsill irċieva korrispondenza mic-Chairman tal-Fondazzjoni Valletta 18 fejn qed jinforma lill-Kunsill li se jiġu organizzati diversi laqgħat mal-Kunsill biex tiġi pjanata aktar din is-sena.
   - Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MEPA biex il-perit tal-Kunsill jibgħat il-*clearance* minn TM fir-rigward tal-iżvilupp fil-isqaq tal-Qalb ta' Ġesu.
   - Restawr tan-niċċa fi Pjazza Tomba, kantuniera ma' Triq il-Għajn – is-Sindku qal għadu kif irrealizza li l-Kunsill tar-Rabat applika mal-MEPA biex isir restawr ta' din l-istess niċċa. Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat *e-mail* lis-SE tal-Kunsill tar-Rabat fejn jinforma li din in-niċċa tinsab fil-konfini tal-Kunsill tal-Fontana. Il-permess tal-MEPA lil kunsill biex isir ir-restawr ħareġ fl- 1 ta' April 2014, u huwa kellu laqgħa mal-Perit Ivana Farrugia dwar kif ser isir dan ir-restawr.
   - Sessjoni t'informazzjoni lir-residenti fuq *Be Smart Online* – issir 3 ta' Gunju fil-5.30pm


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

- Is-Sindku attenda għas-seduta dwar ir-rikors fil-qorti rigward il-kawża dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn fejn hu propost li jitkompla il-bini taċ-Ċentru Ċiviku tal-Fontana milqugħ mil-magistrat għalhekk issa l-kunsill huwa parti fil-kawża. Is-seduta li jmiss se tkun nhar id-29 ta' Mejju quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Aaron Attard Hili u fit-30 ta' Mejju, 2014 quddiem il-Maġistrat Paul Coppini. L-avukat talab lill-Kunsill biex jagħmel kopja tal-proċess kollu ta' 9 snin mill-qorti. Il-Kunsill qabel li jsir dan.
- TM – approvazzjoni biex isiru double yellow lines fit-Triq San Martin.
- Saret ħarġa soċjokulturali f'Malta, b'waqfiet għal-festival tal-frawli fl-Imġarr, Smart City fil-Kalkara u r-riserva naturali tal-Għadira fil-Mellieħa. Attendew 58 persuna fosthom is-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef.
- Is-Sindku attenda għal-laqgħa tal-kumitat reġjonali.
- Skema ta' korsijiet taħt Lifelong Learning – il-Kunsill qabel li ma ssirx applikazzjoni.
- Twaħħil ta' Safety Carpets fil-playing field – il-Kunsill qabbad lis-SE biex tikkomunika mal-offerent biex jiġi iffirmat il-kuntratt dawn jiġu nstallati sa nofs Mejju.
- Problema ta' diżlivell bejn il-bejt ta' ċentru ċiviku u z-zuntier – il-Kunsill qabel li jitpoġġew il-*barriers* tul il-festa biex tkun inqas ta' periklu.
- Il-Kunsill qabel li jsir il-kuntratt tal-iskart ma' Savio Debrincat li jibda mit-2 ta' Mejju, 2014 peress li ġiet irranġata l-vettura tal-ġbir tl-iskart.
- Is-Sindku semma li hemm bżonn li jinxtara *floodlight* ġdid għal fuq il-bejt tal-knisja wara l-kopla – il-kunsill approva li jsir dan l-infiq.
- Is-Sindku attenda għas-seduta tal-appell tal-ġebla tal-qawwi fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali flimkien mal-Avukat Samuel Azzopardi fejn saru t-trattazzjonijiet mil-partijiet – issa ser tmur għas-sentenza.
- Attivitá bejn il-Kunsill u l-għaqda tan-nar biex tittella is-serata tal-logħob tan-nar tal-art lejliet il-festa – Kunsill iddeċieda li jieħu ħsieb jsejjaħ laqgħa mar-rappreżentanti tan-nar biex issir ftehim ta' kif se jinqasmu l-ispejjeż.
- Is-sindku informa lil preżenti li l-festival tan-nar tal-Floriana se jsir fit-2 ta' Mejju u dan bil-finanzjament tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, minkejja li dan huwa lejliet il-festa ta' San Publiju. Huwa ippreżenta l-programm ta' din l-attività.
- Is-Sindku qal li l-kunsillier Horace Micallef attenda il-konsultazzjoni pubblika li saret fil-Grand Hotel rigward is-sistema ta' infurzar lokali.
- Sejħa għas-segretarju eżekuttiv – is-SE informat lil preżenti li l-avviż ħareġ fid-29 Mejju, 2014. Il-Kunsill qabel li jingħata €50 lil-membri tal-board għal kull darba li jiltaqgħu. Horace qal li huwa personali ma jridx li jkun hemm ħlas mill-Kunsill għalih. Il-Kunsill qabel li l-membri tal-board li huma kunsilliera ma jitħallsux.
- Is-Sindku informa lil Kunsill li tlesta ix-xogħol fuq il-meter tad-dawl għax-xelter ta' Pjazza l-Għejjun kif kien maqbul mill-Kunsill. Dan ix-xogħol sar minn Chris Gauci.
- Is-Sindku ngħata rikonixxament mid-DLG għal-20 sena fil-Kunsill Lokali tal-Fontana.



S. Boy

**4. Għoti tal-Offerta**

Il-Kunsill qabel li fid-data tal-għeluq s-SE se titlaqa mal-kunsill biex jinfetħu l-offerti u wara tieħu ħsieb li tgħaddi l-kopji tal-offerti lill-Perit Saliba għall-evalwazzjoni.

**5. Proċess tal-ħatra tal-Ambaxxatur Lokali ġdid**

Il-Kunsill sellem lis-Sra Charise Cutajar talli serviet t'Ambaxxatur tal-Vot 16 u rrikonoxxa l-fatt li din il-kariga se tiġi fit-tmiem tagħha peress li għalqet it-18-il sena. Il-Kunsill qabel li jerġa joħroġ avviż ieħor u jitqassam lir-residenti biex min hu nteressat f'din il-kariga japplika l-Kunsill.

**6. Approvazzjoni tal-*audited financial statements* 2013**

Il-kunsill approva dawn id-dokumenti

**7. Ilmenti/Suġġerimenti**

- Talba għal-kaxxa postali – issir talba lil Malta Post biex titpoġġa fl-inħawi tat-toroq ta' ħdejn Manresa.
- Titkompla it-Triq Mons. Buttigieg - il-kunsill qabel li din it-triq mhix responsabiltà tal-Kunsill, iżda tal-Gvern Ċentrali, peress li għadha bla wiċċ tat-*tarmac*. Dan l-ilment diġà ġie diskuss fil-kunsill preċidenti u min għamel dan l-ilment ġie infurmat b'dan. Barra minn hekk, quddiem ir-residenza ta' min ilmenta bit-tarmak fi Frar 2013 mill-Gvern Ċentrali
- Issir rampa fi Triq Santa Duminka – it-talba taqa' fiż-żona tar-responsabiltà tal-Gvern Ċentrali u fil-konfini tal-kunsill tar-Rabat, Isir patching b'tarmac tajjeb wara li jinqata bis-siega fit-Triq il-Għajn – tintbagħat *email* lid-Direttur Portelli.
- Toqba fi Triq Wied Siekel biex titranġa ħdejn id-dar numru 1– Il-kunsill qabel li din titranġa

**8. Materji Oħra:**

Saviour Borg:

- Isir manutenzjoni tal-injam tan-niċċeċ tas-salvatur u tal-Għajn il-Kbira – il-Kunsill qabel li jsir dan.
- Suġġeriment biex jinxtraw 2 bollards li jkunu jinqaflu bil-kantnazz mal-kurduna fit-Triq il-Għajn, quddiem il-Knisja. Dan peress li qiegħed isir parkeġġ fuq il-bankina tal-porfido – il-Kunsill qabel li tinġab stima ta' kemm jiswew.
- Is-Sindku qal li l-kunsill għadu ma' ġiex avviċinat mill-kappillan dwar Festa Tfal u sal-laqgħa li jmiss jkun tard. Il-Kunsill qabel li jekk jiġi mitlub mill-Kappillan ssir bħas-soltu.
- Bżonn ta' xiri ta' telephone għal-uffiċċju tal-Kunsill – approvazzjoni mill-Kunsill.
- Jinħareġ fuljett tal-kunsill b'6 faċċati A4 fl-okkażjoni tal-festa – tinġab stima biex isir dan.
- Biex issir ħarġa soċjokulturali f'Malta fil-31 ta' Mejju filgħaxija għal-festa ta' San Ġużepp f'Ħal Għaxaq. Il-Ħlas ikun bħas-soltu.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

- Waqt li kien qed isir xogħol ta' konstruzzjoni fuq il-post 132, fit-Triq il-Għajn, il-kuntrattur ħalla xi materjal fit-triq li hu ta' periklu għal-pubbliku u ġie miksur bank. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lis-sid tal-propjetà.

Horace Micallef:

- Tabella tal-parkeġġ fit-Triq Kappillan Hili hemm żball fil-ħinijiet – tinbidel it-tabella.
- Xogħol ta' konstruzzjoni fit-Triq Kappillan Hili. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lis-Sur Sacco fejn tiġbed l-attenzjoni li ma jistax jpoġġi tankijiet vojta biex ma jipparkjawx karozzi u li l-ħsara li saret fuq il-bankina u fit-triq titranġa għas-spejjez tas-sid.
- Issuġerixxa li mal-ittra tal-Ambaxxatur tal-Vot 16 titqassam ukoll l-avviż tal-ġbir tal-iskart, fejn issir klarifika fuq il-ġbir isir xorta waħda fil-festi pubbliċi.
- Tabella taz-*zebra crossing* fejn l-Għajn biex tinqala – tintbagħat *e-mail* lis-Sur Michael Buhagiar.
- Tabelli tat-traffiku fit-Triq il-Għajn – ġew ordnati mill-MGOZ

Victor Cefai:

- Tabella tal-*one way* fit-Triq il-Għajn mgħawġa – tintbagħat *e-mail* lil Michael Buhagiar fi ħdan il-MGOZ.
- Periklu fuq il-bankina fit-Triq Kappillan Hili – Il-Kunsill qabel li dan il-periklu jiġi mmarkat u rranġati.
- Suġġeriment biex jiġu nstallati tabelli taz-zebra crossing li jixgħelu bis-sistema ta' pannelli fit-Triq Kappillan Hili – Il-kunsill qabel li la li hemm preżentament għadhom jaħdmu, ma jinbidlux.

Mario Mercieca

- Toqba fit-Triq il-Kappillan Hili – jinxtraw l-ixkejjer tal-*cold asphalt* u titranġa din it-toqba.

## 9. Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fl-7pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 29 ta' Mejju, 2014 fit-5.00pm.

Amanda Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555